



EMA/755597/2017  
EMEA/H/C/004138

## **Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

---

### **Intrarosa**

prasterone

Dan huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Intrarosa. Dan jiġi kif l-Aġenzija vvalutat il-mediċina biex tirrakkomanda l-awtorizzazzjoni tiegħu fl-UE u l-kondizzjonijiet ta' użu tiegħu. Dan mhux intiż biex jipprovd konsultazzjoni prattika dwar l-użu ta' Intrarosa.

Għal informazzjoni prattika dwar l-użu ta' Intrarosa, il-pazjenti għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lit-tabib jew lill-ispiżjar tagħhom.

### **X'inhu Intrarosa u għal xiex jintuża?**

Intrarosa huwa mediċina li jintuża biex jikkura nisa ta' wara l-menopawża b'sintomi moderati sa severi ta' atrofija vulvari u vaġinali. F'nisa b'atrofija vulvari u vaġinali, il-ħajt tal-vaġina u t-tessut tal-madwar jirqaq u jista' jikkawża sintomi bħal nixfa, irritazzjoni u uġiġi madwar il-parti ġenitali, u sess b'uġiġi.

Intrarosa fih is-sustanza attiva, prasterone, magħrufa wkoll bħala dehydroepiandrosterone (DHEA).

### **Kif jintuża Intrarosa?**

Intrarosa jiġi bħala pessarju ta' 6.5 mg. In-nisa għandhom idaħħlu l-pessarju fil-vaġina tagħhom, darba kuljum mal-ħin tal-irqad.

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rċetta ta' tabib. Għal iktar informazzjoni, ara l-fuljett ta' tagħrif.

### **Kif jaħdem Intrarosa?**

F'nisa li għaddew mill-menopawża, l-irquqija tat-tessut fil-vaġina u madwarha tiġi kkawżata minn tnaqqis fil-livelli tal-ormon sesswali tal-estroġenu.



Is-sustanza attiva ta' Intrarosa, il-prasterone, tinbidel fl-ormoni sessuali tal-estroġeni u l-androġeni meta tiddaħħal fil-vaġina. Bħala riżultat taż-żieda fil-livelli tal-estroġeni, in-numru ta' ċelloli superfiċjali fit-tessut tal-vaġina u madwarha jiżdied, u b'hekk, itaffi s-sintomi ta' atrofija vaġinali.

## X'inhuma l-benefiċċji ta' Intrarosa li ħarġu mill-istudji?

Żewġ studji li involvew 813-il mara ta' wara l-menopawża b'atrofija vulvari u vaġinali sabu li l-kura b'Intrarosa kienet aktar effettiva mill-plaċebo (kura finta) biex tnaqqas is-sinjal ta' rquqja (atrofija) tat-tessut vaġinali.

Fiż-żewġ studji, Intrarosa 6.5 mg ingħata darba kuljum għal 12-il ġimgħa. Ir-riżultati wrew li n-numru ta' ċelloli superfiċjali (li normalment jitbaxxa bl-attrofija) żidet b'6 % u 10 % b'Intrarosa meta mqabbel ma' madwar 1 % u 2 % bil-plaċebo. Kien hemm ukoll tnaqqis fin-numru ta' ċelloli parabażali (li normalment jiżdiedu bl-attrofija) ta' 42 % u 47 % b'Intrarosa meta mqabbel ma' 2 % u 12 % mal-plaċebo.

Barra minn hekk, il-kura b'Intrarosa kienet aħjar biex iżżejjid l-aċidità fil-vaġina (li normalment issir inqas aċidika bl-attrofija), bil-valuri pH li tnaqqus b'0.9 u 1.0 b'Intrarosa u b'0.2 u 0.3 bil-plaċebo.

Il-pazjenti li kienu qed jieħdu Intrarosa kellhom tnaqqis modest fl-uġiġi waqt is-sess, li deher simili jew aħjar mill-effett li deher fil-pazjenti li kienu qed jieħdu l-plaċebo. L-uġiġi waqt is-sess ġie vvalutat mill-pazjenti stess bl-użu ta' skala standard li tvarja minn 0 (l-ebda uġiġi) sa 3 (uġiġi sever). L-uġiġi tnaqqas b'1.3 u 1.4 punti b'Intrarosa meta mqabbel ma' 0.9 u 1.1 punti bil-plaċebo. L-effett li deher fil-grupp tal-plaċebo ġie spjegat mill-effett lubrikant tal-eċċipjent.

## X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Intrarosa?

L-effett sekondarju l-aktar komuni b'Intrarosa (li jista' jaffettwa sa 1 minn kull 10) huwa tnixxija mill-vaġina. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji rrappurtati b'Intrarosa, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Intrarosa m'għandux jintuża f'pazjenti bil-kondizzjonijiet li ġejjin: fsada ġenitali fejn il-kawża ma ġietx dijanostika, kanċer tas-sider jew kanċer dipendenti fuq l-estroġeni magħruf jew suspettat, kanċer tas-sider preċedenti, iperplażja endometrijali mhux ikkurata (ħxuna tal-kisja tal-utru), marda tal-fwied akuta (ta' perjodu qasir), marda tal-fwied preċedenti fejn it-testijiet tal-funzjoni tal-fwied għadhom anormali, tromboemboliżmu venuż preċedenti jew attwali (l-iffurmar ta' emboli tad-demm fil-vini), disturbi trombofilici (koagulazzjoni tad-demm anormali), marda tromboembolika arterjali attiva jew riċenti (marda kkawżata minn emboli tad-demm fl-arterji), porfirija (nuqqas ta' ħila biex tkisser il-kimiċi msejħha porfirini). Għal-lista sħiħa ta' restrizzjonijiet, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## Għaliex ġie approvat Intrarosa?

Intrarosa ntwerha li jtejjeb l-istruttura tat-tessut vaġinali u li għandu effett modest fuq l-uġiġi waqt is-sess. Il-mediċina għandha profil tas-sigurtà aċċettabbli.

Għaldaqstant, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkunsidrat li l-benefiċċji ta' Intrarosa huma akbar mir-riskji tiegħi u rrakkomandat li jkun approvat għall-użu fl-UE.

## X'miżuri qeqħdin jitteħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Intrarosa?

Il-kumpanija li tqiegħed Intrarosa fis-suq hija meħtieġa li twettaq studju dwar kif il-mediċina tintuża fil-prassi klinika, inkluż jekk tintużax skont l-informazzjoni dwar il-prodott awtorizzata.

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħha u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Intrarosa.

## **Informazzjoni oħra dwar Intrarosa**

L-EPAR sħiħ għal Intrarosa jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni rigward il-kura b'Intrarosa, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.